MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 558/2006

**Robert Pace (I.D. 147076M)**

**vs**

**Robert Magro**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Gunju 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn hames mija u tnax il-Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€2512.22) gja elf u tmienja u sebghin Liri u hamsin centezmu (Lm1078.50), rapprezentanti danni sofferti mil-attur (vide l-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok RP1 u l-ircevuti relattivi mmarkati minn Dok RP2 sa Dok RP14) kagun ta' incident li sehh fit-28 ta' Awissu 2004 fl-inhawi ta' Gianpula, Rabat (Malta), meta minghajr ebda raguni l-konvenut hebb ghal persuna ta' l-attur u kkagunalu feriti ta' natura hafifa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenutipprezentata fis-17 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha eccepixxa:
1. Illi l-incident lamentat mill-attur gie provokat, precipitat u kkawzat mill-attur, li effettivament ikkawza griehi fuqu nnifsu. Illi minhabba f’hekk l-attur ghandu responsabbilta` shiha ghall-incident de quo u ghandu jirrispondi hu biss ghad-danni civili kollha li rrizultaw minnu.
2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, d-danni reklamati mill-attur huma esagerati u jirrizulta car illi l-attur naqas mid-dover tieghu legali li jiminimizza d-danni.
3. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, l-attur ghalkemm gie bil-miktub invitat bla pregudizzju biex jiddiskuti d-danni minnu pretizi barra l-Qorti (ara Dok A – ittra tas-17 ta’ Marzu 2006) naqas li jaghmel dan u ghadda biex ipprezenta din il-procedura, bla ma qatt informa lill-eccipjent x’danni kien qed jippretendi. Ghalhekk l-eccipjent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-affidavit ta’ l-attur **Robert Pace** li permezz tieghu xehed illi fit-28 ta’ Awissu 2004 kien mar Gianpula. Meta kien sejjer lura d-dar kif hareg mill-bieb, kien hemm stand tal-hot dogs u hdejha kien hemm tlieta min-nies li wiehed minnhom kien jafhom di vista. Waqt li kien qed jixtri l-hot dog dawn resqu lejh u bdew jaqbdu mieghu u jghidu kliem oxxen fil-konfront tieghu. L-iktar wiehed aggressiv kien Robert Magro li ma kienx jafu qabel. Kien jidher li kien xorob ftit zejjed. L-attur jghid li beda jipprova jersaq lura minnu u dil-haga grat zgur tliet darbiet u wara dan il-konvenut ipprova jhebb ghalih u qabdu mill-qmis u carratlu l-buttuni kollha. Jghid li qabadlu wkoll cappetta minn idejh u qattaghielu u zammu minn idejh. L-attur jghid li telaq jigri izda l-konvenut lahqu u tah daqqa ta’ ponn go wiccu u kissirlu mniehru. Jghid li mbaghad tefghu mal-hajt u beda jtih f’irkubtejh b’sieqi. Dak il-hin gew grupp ta’ nies

li waqqfuh u waslu l-Pulizija. Fi proceduri kriminali l-konvenut kien ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Minhabba din l-aggresjoni l-attur jghid li dahal fi spejjez medici kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti.

Sema` x-xhieda tat-**Tabib Frank Portelli** li waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2007 xehed illi huwa rapprezentant ta' St Philips Hospital. Muri d-dokumenti a fol 5, 6 u 7 jghid li dak a fol 5 hija *discharge letter* relattiva ghall-attur, dak a fol 6 huwa kont ta' Dr Padovani li ta l-loppju biex sar l-intervent u dak a fol 7 huwa l-kont ta' l-isptar dwar all *inclusive fixed price package*, li jinkludi sodda ta' l-isptar, it-teatru u dak kollu li kien involut bir-rati kif miftehma mas-socjetajiet ta' l-assikurazzjoni. Esebixxa wkoll Dok FP1 li huwa statement of account.

Mistoqsi jekk il-kont giex mhallas minn xi assikurazzjoni - jghid li ma jahsibx ghaliex mir-records tieghu jidher illi hallsu l-pazjent hu u hiereg. Normalment l-insurances ihallsu fi zmien ghaxat ijiem u mhux fl-istess jum. Jghid li l-konsulent Dr Adrian Agius ma halliex il-kont maghhom. Jghid li l-intervent seta` jsir fi kwalunkwe sptar u jikkonferma li l-ircevuti kollha hargu fuq Robert Pace.

Sema` x-xhieda tal-**konvenut** li waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2007 xehed illi fil-proceduri kriminali kontrih huwa kien ammetta l-akkuzi wara li kien ikkonsulta mal-avukat tieghu.

Ra wkoll l-affidavit tal-istess konvenut li fih huwa cahad il-kontenut tal-affidavit tal-attur pprezentat fis-26 ta' Ottubru 2006. Jghid li l-Gimgha 27 ta' Awissu 2004 kien ma' siehbu Ruben Gatt il-Gianpula. Ghal habta tal-4.00 a.m. huma hargu u qabel ma marru d-dar huwa ordna hamburger mit-take away counter li kien armat fil-car park.

Jghid li waqt li kienu qed jistennew il-burger gie Pace u peress illi kien jaf lil siehbu Ruben, dar lejh u staqsieh *"Fejn hi ohtok?"* Ruben qallu biex jaqtaghha ghaliex il-konvenut kien l-gharus taghha u Pace irrisponda *"Eh dan?...u dik xbajt nahxijielu…"*

Waqt li kienu qed jargumentaw indahal certu Norbert Fenech li beda jghajjat u jinsulta lix-xhud. Pace beda jghajjru *“Zibel aqtaghha.”* Pace u Norbert tilfu l-kontroll u nfexew jinsulentawh. Ix-xhud jichad li kien taht l-effett ta’ l-alkohol u jaf ezatt x’gara kull sekonda ta’ dik il-lejla.
Jichad li hebb ghal Pace u carratlu l-buttuni tal-qmis. Baqa` jsaqsih ghaliex kien qal dik il-frazi fuq l-gharusa tieghu, illum martu ghax dak il-kliem kien weggghu.

Meta Pace rah irrabjat telaq lejn ix-xatba ezatt kif tohrog barra Gianpula u hu mar warajh u kompla jistaqsih mentri Pace, kif jghid f’punt 4 tal-affidavit tieghu, beda jigri u jhares lura lejh. B’hekk Pace baqa` diehel go xatba ta’ l-injam gholja sitt filati u hu waqa` ghal wiccu fl-art goz-zrar. Ix-xatba habtet mal-hajt u giet lura fuq Pace stess. Meta x-xhud wasal hdejh Pace kien ga wegga`.

B’referenza ghal meta Pace qal li qabadlu c-cappetta minn idejh, jghid li meta l-Pulizija waslu kien bil-hamburger f’idejh u Pace stess ammetta li gera ghal gox-xatba filwaqt li ma kienx mohhu fejn qed jigri.

Minhabba c-cirkostanzi personali tieghu ix-xhud, wara li ha parir legali ddecieda li jammetta mill-ewwel u wehel hamsin Liri (Lm50) u sena garanzija biex ma jersaqx lejn Pace. B’danakollu, fl-ebda hin ma ammettejt l-ebda parti mill-istorja ivvintata minn Pace fl-affidavit. Il-verzjoni tal-fatti dejjem l-istess kien spjegaha.

Ix-xhud jghid li “minghajr pregudizzju” talab lil Pace jghidlu kemm qed jippretendi u r-raguni kienet l-istess bhall-ewwel darba, dik li jehles mill-inkwiet u mhux ghax ghandu tort. Jghid li l-attur qatt ma qallu kemm qed jippretendi u fetahlu l-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ **Michael Mizzi** li waqt is-seduta tal-11 ta’ Gunju 2008 xehed illi huwa direttur ta’ St Mark’s Clinic u Robert Pace kien ircieva trattament fil-clinic tieghu konsistenti minn rynoplastic fl-14 ta’ Ottubru 2005. Din hija operazzjoni wahda u fl-istess gurnata l-pazjent jigi discharged. Jikkonferma li l-ispejjez kienu thallsu in full u

jikkonferma li d-dokumenta fol 14 huwa l-kont li nhareg lill-pazjent.
In kontro-ezami l-istess xhud jghid li s-surgeon kien Mr Briffa u t-Lm330 huma l-fees tieghu. Il-bqija tal-itemised bill huma tal-clinic.

Ra l-affidavit ta' **Ruben Gatt** li xehed illi fis-27 ta' Awissu mar mar-ragel t'ohtu Robert Magro il-Gianpula. Wara li hargu mill-Gianpula mar ma' Robert Magro biex jixtri hamburger u ltaqa` ma kollega tieghu Robert Pace li staqsieh fejn kienet ohtu u x'hin qallu li l-konvenut kien l-gharus taghha qallu "*Eh dan? Dik xbajt nahxijielu*!" Robert Magro baqa` jsaqsi x'ried jghid biha. Kien hemm habib ta' Robert Pace li beda jindahal billi jghajjar lil Robert Magro u Pace qallu biex ma jindahalx.

Ix-xhud jghid li Robert Pace telaq jigri filwaqt li jhares lejhom u Magro mar warajh jinsisti u ried ikun jaf ir-raguni ghal dik il-frazi. Ix-xhud baqa` hdejn il-counter u beda jimxi bil-mod fid-direzzjoni ta' Pace u Magro. Jghid li peress illi Pace kien qed ihares lura baqa` diehel go xatba.

Sema` x-xhieda ta' **Dr Frank Bartolo,** li waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2008 xehed illi Dok RP2 huwa certifikat mahrug mis-Surgeon Mr A Agius fit-3 ta' Settembru 2004. Jghid li dak it-tip ta' intervent seta` jsir St Luke's minghajr hlas. B'referenza ghax-xhieda ta' Michael Mizzi fit-2 ta' Ottubru tal-2008 jispjega li l-intervent tar-rinoplastic ukoll seta` jsir St Luke's minghajr hlas.

In kontro-ezami l-istess xhud jghid illi fil-kaz tal-ewwel operazzjoni ma jkunx hemm waiting list ghax dik hija trauma u ssir fi zmien gurnata jew tnejn. Dwar ir-rinoplastic din setghet issir billi tiehu z-zmien taghha.

Sema` t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet u referenzi tal-konvenut Robert Magro fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni.

Ha konjizzjoni tal-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi qabel xejn trid tigi stabbilita` u determinata l-kwistjoni tar-responsabbilita` ta' l-incident. Mill-assjem tal-provi prodotti u mix-xhieda mressqa, it-Tribunal irid jasal sabiex jaghmel dan a bazi tax-xhieda tal-partijiet u xhud iehor li allegatament kien presenti fil-mument ta' l-incident. Il-partijiet naqqsu milli almenu jippresentaw rapport tal-Pulizija Esekuttiva mehud in segwitu ghall-incident, meta presumibilment seta` kien hem mil-versjonijiet tal-partijiet mehuda a tempo vergine - u li certament setghu jghinu lit-Tribunal.

Mill-verzjonijiet moghtija, it-Tribunal jasal pero` biex jikkonkludi illi r-responsabbilita` ta' l-incident de quo ghandu jassumieh il-konvenut Robert Magro – u din il-konkluzjoni issib konfort anke fl-istess xhieda tal-konvenut meta ighid illi kien irrabbjat u mugugh bil-kliem li allegatament indirizzah bihom l-attur. Di piu` jinghad illi fir-rabja li kien fiha, l-konvenut beda jigri wara l-attur – u l-konvenut isostni illi d-daqqa l-attur hadha ma xatba li ma rax ghax l-attur kien qed ihares lura waqt illi qed jigri.

Anke kieku l-fatti sehhew proprju hekk – (il-verzjoni tal-attur hija kemmxejn differenti) – il-fatt illi l-konvenut gera wara l-attur b'rabja, it-Tribunal iqisha bhala r-raguni ghaliex l-attur wegga`, anke jekk kien l-istess attur li baqa` diehel fix-xatba. Il-konvenut, mugugh kif seta` kien ma kellux ghalfejn jigri wara l-attur, u jekk hassu offiz b'xi kliem, seta` flok ittanta jiehdu s-sodisfazzjoni, ghamel ir-rapporti tieghu lill-awtoritajiet sabiex jittiehdu l-passi opportuni.

Ir-rabja u d-daghdiha li kellu l-konvenut u li wasslitu sabiex jigri wara l-attur biex jiehu s-sodisfazzjoni in effetti qed twassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi l-kwistjoni tar-responsabbilita` kontra l-konvenut.

Dan il-punt deciz, it-Tribunal sejjer issa jevalwa l-quantum d-danni allegatament sofferti mill-attur.

Giustament, il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jishaq fuq il-principju legali illi d-danneggjat ghandu jara illi jimminimizza d-danni. Jsostni illi dan l-attur ma ghamlux. B'dana kollu imbaghad kull persuna ghanda terfa` r-responsabbilita` ta' eghmilha – u meta jkun il-kaz illi b'irresponsabbilita` tikkawza d-danni lil haddiehor, allura tali persuna trid tirrispondi u taghmel tajjeb.

Huwa l-bilanc bejn dawn iz-zewg principji illi dan it-Tribunal irid jilhaq f'kawza bhal din ghad-danni.

It-Tribunal iqis pertinenti x-xhieda moghtija minn Frank Bartolo, ex-supretindent tal-Isptar ta' l-Istat – li ighid essenzjalment illi l-ewwel operazzjoni li ghamel l-attur seta` facilment ghamilha fl-isptar statali u b'xejn filwaqt illi ghat-tieni operazzjoni, l-attur seta` ukoll jaghmilha fi sptar statali, izda wara l-waiting list.

Quddiem it-Tribunal ma ngiebet ebda prova ta' kemm huma twal il-waiting lists fl-isptar statali ghall-operazzjoni bhat-tieni wahda li ghamel l-attur – izda t-Tribunal jiehu *judicial cognizance* tal-problema tal-waiting lists fl-Isptar statali u minkejja illi l-attur ghamel t-tieni operazzjoni sena wara l-incident, mhux eskluz illi fi stat statali l-attur kien idum aktar.

B'dan il-hsieb, ghalhekk it-Tribunal sejjer jiehu l-prospett esebit mill-attur DOK RP1 u filwaqt illi jaqta` l-ispejjes relatati ma' l-ewwel operazzjoni maghmula mill-attur ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija, ossia illi l-attur seta` facilment u liberament iffranka dawk l-ispejjes billi jaghmel l-operazzjoni fl-isptar statali u presumibilment anke qabel, jghaddi pero` biex jikkonferma il-bqija tal-prospett.

Id-difiza tal-konvenut ghalhekk, u partikolarment dik maghmula bit-tieni eccezzjoni fir-risposta, qed tigi milqugha limitatament ghall-ispejjes relattivi ghall-ewwel operazzjoni – ossia €768.69 gja Lm330 – li sejrin jitnaqqsu mis-somma mitluba.

In kwantu l-ispejjes l-ohra riklamati, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal isib illi l-attur huwa giustifikat illi

jitlobhom u ghalhekk sejjer jakkorda it-talba attrici limitatament fil-parametri hawn fuq deciz u msemmi. Dawk huma spejjes konnessi mat-tieni operazzjoni u konsulti u medicini li l-attur kien kostrett illi jiehu konsegwenza ghall-incident li r-responsabbilita` tieghu gja gie hawn fuq deciz – illi kien tal-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati u wara illi t-Tribunal sema` x-xhieda kollha u ra d-dokumentazzjoni kollha u sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut – ghajr in parti t-tieni wahda – jilqa` t-talba attrici imma limitatament fis-somma ta' elf, seba` mija u tlieta u erbghin Euro u erba` u hamsin centezmu (€1743.54) gja Lm748.50.

Bl-imghax legali fuq is-somma li l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas mid-data tal-presentata ta' l-Avviz u bl-ispejjes li ghandhom jithallsu in kwantu ghal 1/5 mill-attur u 4/5 mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------